# ŻEWĠ TISLIMIET

Kull min jidħol fit-Tempju Senglean iddedikat lil Marija Bambina, dlonk jissaħħar bil-ħafna opri ta' arti li fih: arkitettura, pittura, skultura u dekorazzjonijiet oħra. F'dawn l-aħħar 30/35 sena, il-knisja issebbħet qatigħ bil-ħidma, fost l-oħrajn, ta' żewġ persuni, li għad li mhumiex wild din il-belt, bis-sengħa tagħhom, għanew din il-knisja bil-ħidma artistika tagħhom. Dawn huma id-disinjatur u skultur Salvu Bugeja, u l-induratur Emmanuel Darmanin. B'sogħba ngħidu illi dawn iż-żewġ artisti m'għadhomx aktar magħna, għaliex il-Mulej sejħilhom għall-ħajja aħjar fl-eternità.

**L-iskultur Salvu Bugeja**

Salvu Bugeja twieled fiż-Żurrieq fl-1920, u għad illi qatt ma għamel studji formali tad-disinn u l-iskultura, id-doni li Alla żejnu bihom, għaraf iħaddimhom sew. Għal ħafna snin huwa sebbaħ diversi festi madwar Malta kollha b'disinji u skulturi fl-injam, l-aktar għat-tiżjin tat-toroq. Salvu kien ilu jaħdem għall-Isla – primarjament xogħol għall-knisja – sa mis-sena 1974, meta ddisinja u mmudella l-ornamenti tal-bronż madwar is-16-il bust tal-appostli u evanġelisti fil-kontropilastri tal-korsija. Minn dak il-bidu, huwa ħadem sensiela ta' opri għal din il-knisja. Fl-1975 huwa għamel id-disinn għall-bradelli tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira, u sal-1992 ħadem l-iskultura kollha tal-istess bradelli. Fis-sena 1980, Salvu iddisinja u ħadem il-mudelli għall-pedestall tal-fidda li hemm fin-niċċa tal-Bambina. Fis-snin 1984 u 1985, iddisinja u ħadem is-sopraporta ta' fuq il-bieb maġġur, u t-tron għall-istatwa tat-Trinità Qaddisa. Wara, huwa ħadem l-ambone, 4 bankuni għal-lanterni u pedestallata għall-vara tal-Monument, kif ukoll ammont ta' xogħol żgħir ieħor kemm għall-jiem tal-festa, kif ukoll għall-Ġimgħa l-Kbira.

Barra dan, minn idejh ħarġu bosta disinji sbieħ għal xogħol ta' rakkmu tad-deheb fuq il-bellus. Tiegħu huma d-disinji tas-sopratvalji għall-artali tal-Bambina, San Ġużepp, Madonna tar-Rużarju, Sant' Anna u tal-Kurċifiss. Salvu iddisinja wkoll il-pavaljun tan-niċċa tal-Bambina, il-patalotti tat-Tribuna u dawk għal mal-purtiera tal-bieb maġġur, u xi xogħol ieħor.

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-festi esterni, Salvu tana d-disinn u ħadem il-mudelli tal-iskultura tal-par trofej ta' maġenb iz-zuntier, u tas-sett ta' sitt gastri bid-dawl, tnejn fi Pjazza Papa Benedittu XV u erbgħa għal madwar l-istatwa ta' Malta Rebbieħa.

Ix-xogħol u l-impenn tiegħu fil-Bażilika tagħna, li hu dejjem ħadem b'entużjażmu u b'volontà qawwija, ressquh qrib ħafna ta' beltna. Ta' kull sena fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira, u għal darba jew darbtejn fil-jiem tal-festa tal-Bambina, huwa kien jiġi fil-knisja biex jistudja u jammira l-opri artistiċi



*Salvu Bugeja waqt li kien qed jaħdem fuq il-parti ċentrali tas-sopraporta tal-bieb maġġur.*

ta' din il-Bażilika. Tista tgħid illi Salvu kien sar wieħed minnha! Huwa stess kemm-il darba stqarr li kien iħoss li l-knisja tal-Isla saret biċċa integrali minn ħajtu.

Id-dgħufija naturali tal-età venerabbli li kellu, u marda qasira, wasslitu għal tmiem ħajtu nhar it-28 ta' Awwissu 2010 fl-età ta' 90 sena.

**L-induratur Emmanuel Darmanin**


*Emmanuel Darmanin*

Manwel Darmanin twieled f'Ħaż-Żabbar fl-1935, u sa minn età tenera ħass ġibda qawwija għax-xogħol tal-arti. Il-fatt illi fil-familja kienet tiġri vina ta' xeħta artistika, żgur li għenitu ħafna. Ta' età żgħira, tħarreġ fil-proċess tal-induratura fil-bottega tal-familja. Wara li qraba oħra tiegħu kienu għamlu xi xogħol ta' induratura għall-knisja tagħna fis-snin ta' wara l-ftuħ mill-ġdid tal-Bażilika wara l-gwerra, Leli, kif kulħadd kien jafu, ġie nkarigat bl-ewwel xogħol fl-1976. Minn dakinhar li beda, ma ġietx festa waħda li fiha ma kinetx tiżżanżan xi opra ġdida li tkun ħarġet minn taħt idejh. Għal dawn l-aħħar snin huwa kellu l-għajnuna ta' ibnu Pierre, illi dan l-aħħar, ħa fuqu il-piż tat-tmexxija ta' dan ix-xogħol.

Ix-xogħol li Manuel ħadem fl-Isla tant huwa vast, illi biex telenkah trid ħafna spazju ta' dan il-ktejjeb. Ix-xogħol tiegħu kien kemm fuq l-injam kif ukoll fuq il-ġebla. B'ċertezza jista' jingħad illi x-xogħol tal-induratura fuq il-ġebla fil-knisja, li sar bejn l-1980 u l-1991, huwa kollu opra ta' idejh. Dawn jinkludu ħafna gwarniċar, kapitelli, eċċ., kif ukoll il-prospettivi prinċipali tal-kor, kappelluni u artali, il-gallerija tal-orgni u l-koppla.

Induratura fuq l-injam hemm ħafna u ħafna xogħol. Jispikkaw fuq kollox id-dekorazzjoni u l-induratura tal-istatwa tat-Trinità Qaddisa u l-pedestall tagħha, is-sopraporta fuq il-bieb maġġur, il-gandlier tal-Blandun, it-Tintinnablu u l-urna tal-vara tal-Monument tal-Ġimgħa l-Kbira. Manuel indura xejn inqas minn 40 arkatura għall-pavaljuni, 40 fjokk għal diversi linef u lampieri, 10 ventartali, 11-il sett ta' appostli, 11-il sett ta' gandlieri u 14-il gwarniċ għall-inkwatri tal-pittura. Ma' dawn iridu jiżdiedu settijiet tal-Karti tal-Glorji, pedestalli żgħar, leġiji għall-missalli, u oġġetti oħra.

Filwaqt illi x-xogħol fuq il-ġebla jista' jitgawda s-sena kollha, dak fuq l-injam huwa kemm għall-festa titulari ta' Marija Bambina, kif ukoll għall-festi tal-Milied, l-Għid il-Kbir u *Pentecoste/Corpus*, meta l-artali tal-knisja ikunu armati b'ħafna tiżjin indurat minn Manuel.

Hija ħaġa ċerta, illi ftit huma dawk li bħalu ħadmu għall-jiem u ġimgħat sħaħ fuq id-dekorazzjoni tal-knisja tagħna bħalma ħadem Manuel. Dak iż-żmien twil li fih hu ħadem fil-knisja b'integrità, effiċjenza u entużjażmu, ressquh ħafna lejn kull min sar jafu u ġie f'kuntatt personali miegħu. Dan żied ukoll l-istima ta' ħafna, kemm lejh kif ukoll lejn ix-xogħol artistiku tiegħu.

Wara marda qerrieda li hu aċċetta b'rassenjazzjoni, Manuel ħalla din id-dinja nhar is-17 ta' Diċembru 2010, fl-età ta' 70 sena.

Għall-ħidma tagħhom fil-Bażilika tagħna, għax-xogħol artistiku li huma ħallewlna, u għall-mod kif dejjem għamlu ħilithom biex jagħtuna il-massimu li kienu jistgħu jagħtu, żgur illi lil Salvu u lil Manuel jistħoqqilhom li nibqgħu niftakru fihom, speċjalment fit-talb tagħna.

*Mario Caruana*